MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 01/18**

| | |
|---|---|
| Data: | It-Tnejn, 15 ta' Jannar 2018 |
| **Ħin:** | 6:30 PM |
| Post: | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Stephanie Fenech - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera
Dorcas Camilleri - Kunsillier
Joan Agius - Kunsilliera
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**Skużati**
Joseph Hales - Kunsillier
Claude Camilleri - Kunsillier

## AĠENDA

01.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**
01.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti
01.03 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza
01.04 **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
01.05 **Laqgħa Pubblika**
01.06 **Ċentru għal Ħarsien tat-tfal matul il-jum**
01.07 Performance Bonuses tal-impjegati
01.08 **Preżentazzjoni tal-estimi finanzjarji**
01.09 **Tagħrif fuq il-Proġetti Kapitali - Ġnien San Girgor**
01.10 Tenders
01.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti
01.12 **Affarijiet oħra; u**
01.13 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

01. 1. **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

| Riferenza | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 1. 1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv | Informa li Camilleri C ma setax jattendi għal laqgħa minħabba impenji ta' xogħol (imejl annessa) | |
| | | Is-Segretarju Eżekuttiv | Informa li Hales ma setax jattendi għal laqgħa minħabba mard (imejl annessa) | |

01. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

| Riferenza | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 1 | | Proponent: Caruana<br>Sekondant: Agius | Il-Minuti 11/17 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 01. 2. 2 | 11.02.19 | Chircop | Tiżdied li ġew suġġeriti wkoll mat-tabelli li jindikaw ir-raħal. | |
| 01. 2. 3 | 11.09.05 | Chircop | Flok kitbiet trid taqra Konkors Letterarju | |
| 01. 2. 4 | 11.09.01 | Viċi-Sindku | Bħala inkarigati irid jiżdied Chircop u l-applikazzjoni għadha mhiex approvata. | |
| 01. 2. 5 | 11.05.01 | Segretarju Eżekuttiv | Is-suġġett irid jaqra Ġnien l-Għannejja Żwieten. | |
| 01. 2. 6 | | Chircop | Qal li Laura Caruana m'għadiex l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ. | |
| 01. 2. 6 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

| 01. | 2. | | | Rapporti mill-Minuti | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
| 01 | 2 | 7 | 11.02.18 | Chircop: Pittura tas-Sur Attard | Chircop staqsa jekk ġiex avviċinat is-Sur Spagnol sabiex niddiskutu miegħu dwar il-pittura tas-Sur Attard. Agius ser tieħu ħsieb tagħmel kuntatt miegħu. | Agius |
| 01 | 2 | 8 | 11.09.04 | Chircop: Kunċert tal-Milied | Chircop qal li l-kunċert sar u kien hemm attendenza tajba ħafna. Irringrazzja lill-Onor. Dr Owen Bonnici u l-Onor. Carmelo Abela li attendew. Bħala bandist tas-sena għal Banda Beland kien magħżul is-Sur Joseph A Baldacchino. Qal ukoll li kien hemm suġġerimenti li ċ-ċerimonja li bħalissa qed isir fejn il-monument fi pjazza Carlo Diacono tibda ssir x'imkien ġewwa minħabba li qed tkun ħafna kesħa. | Chircop |
| 01 | 2 | 9 | 11.09.05 | Chircop: Konkors Letterarju | Chircop qal li l-applikazzjonijiet fetħu sal-24 ta' Frar. Ser jingħata €50 voucher lir-rebbieħa. | Chircop |
| 01 | 2 | 10 | 11.09.06 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li l-applikazzjonijiet fetħu sat-3 ta' Marzu. Ġew infurmati l-Għaqdiet taż-Żejtun b'ittra. | Chircop |
| 01 | 2 | 11 | 11.09.07 | Chircop: Bolol mill-Grupp Filateliku | Chircop informa l-kunsill li peress li l-parroċċa ħarġet sett bolol, il-bolol tal-Grupp Filateliku ser jinħarġu għal Marzu. | Chircop |
| 01 | 2 | 12 | | Chircop: Premijiet tat-tiżjin tal-Milied | Chircop qal li ġew ippreżentati l-premijiet għar-rebbieħa li kienu hekk, fit-tielet post Tessie Grima, fit-tieni post John Axisa u fl-ewwel post Martin Bilocca. | Chircop |
| 01 | 2 | 13 | 11.09.12 | Chircop: Triq Santu Wistin | Chircop reġa semma l-problema li teżisti f'din it-triq. Saret diskussjoni dwar kif tista' tiġi solvuta din il-problema. | |
| 01 | 2 | 14 | 11.02.13 | Caruana: Triq il-Ħotba | Caruana reġa staqsa dwar il-problema ta' skart. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li diġa tkellem mas-Sur Ramon Deguara dwar il-possibilita' li tiġi nstalla kamera kif ukoll din u Triq Ħal Tarxien ser ikunu ż-żewġ toroq suġġeriti sabiex jitnaddfu waqt il-clean up day li ssir madwar Malta. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 2 | 15 | 11.09.19 | Caruana: Triq Ħal Tarxien | Caruana issuġerixxa li għandha titressaq talba sabiex jingħata wiċċ tarmac lit-triq kollha. Ser nitkellmu ma' TM dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 2 | 16 | 11.02.12 | Agius: Xogħol f'Qasam Ħal Tmin | Agius qalet li l-laqgħat għadhom ma sarux. Ser titkellem m' Sur Bonavia sabiex isir ftehim dwar ix-xogħol li ser isir. | Agius |
| 01 | 2 | 17 | 11.02.14 | Agius: Pantomima | Agius qalet li din kienet suċċess u rringrazzjat lil kull min attenda. | Agius |
| 01 | 2 | 18 | 11.02.16 | Agius; Aċċess għal Triq il-Għadam | Agius informat lill-Kunsill li tkellmet ma' TM u talbu li jiġu fuq il-post. | Agius |
| 01 | 2 | 19 | 11.09.13 | Agius: Żjara lill-Anzjani | Agius qalet li din saret u kienet suċċess u kien hemm preżenti wkoll il-Kunsilliera Camilleri D. | Agius |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 2 | 20 | 11.09.17 | Agius: Berġa | Agius informat lill-Kunsill li saret laqgħa mas-Sur Scerri fejn saru l-proposti sabiex isir refurbishment u ser ikun hemm €10,000 disponibbli biex dan isir. Is-Sindku żiedet li kellmet lill-Onorevoli Dr Chris Fearne fejn uriet ix-xewqa li jiġu offruti iktar servizzi sabiex ir-residenti jkunu moqdija aħjar. | Agius |

01 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/18. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 1 | 9 | Sindku: Xogħolijiet fi Triq Alfred Cachia Zammit | Is-Sindku tat rendikont dwar ix-xogħol li qed isir bħalissa f'din it-triq fejn esprimiet ukoll id-dwejjaq f'isem ir-residenti, minħabba d-dewmien esaġerat. Qalet ukoll li ġew irranġati l-wires li kienu qed jaqsmu t-triq kif ukoll is-sistema tal-istorm water. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandna naraw il-ħsara li saret fit-toroq sekondarji minħabba devjazzjoni tat-traffiku biex dawn jiġu rranġati min-naħa tat-TM. | Sindku |
| 01 | 3 | 2 | 14 | Segretarju Eżekuttiv: Inċident tas-Sur Kleavon Portelli | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għad-diskussjoni talba sabiex il-Kunsill iħallas għal spejjes li saru fuq vettura fi Triq Hector Dalli. Wara li ġie ikkunsidrat li l-ħsara li qed issir li dawn it-toroq sekondarji minħabba xogħolijiet fi Triq Alfred Cachia Zammit u r-ritratti li provda mhumiex konvinċenti, kien hemm qbil unanimu li din l-ispiża m'għandiex titħallas mill-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 3 | 3 | 20 | Vettura għal użu tal-Kunsill | Inġabret stima oħra mingħand Burmarrad Commercials li kienet ta' €19+Vat kuljum. Meta il-Kunsill ikkonsidra din l-istima u l-oħra ta' €450 fix-xahar mingħand Hertz, qablu li l-istima tas-Sur Vincent Grixti hija l-iktar waħda vantaġġjuża. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 3 | 4 | 21 | Viċi-Sindku: EUPA Youth Exchange | Il-Viċi-Sindku spjegat li dan il-proġett ġie approvat u ser isiru exchange ma' żgħażagħ mill-Latvia, Bulgaria u l-Polonja matul il-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira bejn is-26 u t-30 ta' Marzu. | Viċi-Sindku |
| 01 | 3 | 5 | 25 | Użu tas-Sala fi Ġnien San Girgor | Ser nitkellmu mas-Sur Charles Bartolo sabiex jaraw x'għandu bżonn u ssir schedule. | Segretarju Eżekuttiv |

01. 4. **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

| Riferenza | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

01. 5. **Laqgħa Pubblika**

| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 5 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Laqgħa Pubblika | Ser tinżamm nhar it-Tlieta, 13 ta' Frar fis-6:00pm | Segretarju Eżekuttiv |

01. 6. **Ċentru għal Ħarsien tat-tfal matul il-jum**

| Riferenza | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 6 | 1 | | Sindku: MCDCC | Is-Sindku spjegat li kellha laqgħa mal-Quality Assurance Department fejn ingħatat spjegazzjoni dwar kif jaħdem iċ-ċentru. Qalet ukoll li inbiddlu l-membri tal-bord u jridu jsiru kuntratti ġodda. Agius spjegat li kull sena irid jispiċċa membru mill-bord. Spiċċa Fr Vince Magri u laħaq Fr Edgar. Il-Kunsill qabel li s-service agreement jitla' għal €36,000 kif ukoll isir agreement mal-Fondazjoni dwar it-tmexxija taċ-ċentru. | Segretarju **Eżekuttiv** |
| 01. | 7. | | | Performance Bonuses tal-impjegati | | |
| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
| 01 | 7 | 1 | | Performance Bonus tal-ħaddiema | Il-Kunsill qabel nem.con li l-impjegati tal-Kunsill jieħdu l-perfomance bonus bil-massimu ta' persentaġġi hekk kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. | 8. | | | **Preżentazzjoni tal-estimi finanzjarji** | | |
| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
| 01 | 8 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Estimi Finanzjarji | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-estimi finanzjarji għas sena 2018 fejn ta' spjegazzjoni dwar kif ser jiġu mqassma l-fondi. Il-Kunsill qabel nem.con li l-allokazzjoni għal attivitajiet tal-Kunsilliera jitla' għal €1000 kull Kunsillier. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. | 9. | | | **Tagħrif fuq il-Proġetti Kapitali - Ġnien San Girgor** | | |
| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
| 01 | 9 | 1 | | | Ma kienx hemm diskussjoni dwar dan peress li l-proġett kien diġa ssemma u ngħatat spjegazzjoni ta' x'se jsir. | |
| 01. | 10. | | | Tenders | | |
| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
| 01 | 10 | 1 | | Tenders: Ħitan tas-Sejjiegħ u tagħmir tal-logħob għat-tfal | Saret l-aġudikazzjoni tat-tenders. Wara li l-proċess kollu jiġi fi tmiemu, ser jinbeda x-xogħol minnufih. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. | 11. | | | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti | | |
| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
| 01 | 11 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/18 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 11 | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 01/18 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 11 | 3 | | Petty Cash - Diċembru 2017 | Il-Kunsill approva nem.con il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Diċembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €130.78 | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 12 | | | **Affarijiet oħra; u** | | |
| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | Inkarigat |
| 01 | 12 | 1 | | Chircop: Latrina tas-Suq | Chircop staqsa għalfejn hi magħluqa. Dan minħabba li bħalissa għaddejjien ix-xogħolijiet fuq il-mejnijiet fi Triq A. Cachia Zammit allura ma hemmx ilma. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 12 | 2 | Caruana: Kamra fi pjazza Carlo Diacono | Caruana staqsa jekk nafux taħt min taqa l-kamra li qabel kienet tintuża bħala banka tal-lottu bil-possibilta' li din tiġi rranġata u ssir latrina sabiex jinqdew dawk li jkunu qed jistennew tallinja u x-xufiera. Ser niċċekjaw ta' min hi u nimxu min hemm. | Caruana |
| 01 | 12 | 3 | Segretarju Eżekuttiv: Speed Camera fi Triq il-Pres. Anton Buttigieg | Informa lill-Kunsill li s-Sur Ray Zammit u s-Sur Ray Vella ġew jiddiskutu u raw ukoll it-triq. Irid isir Traffic Impact Assessment sabiex jittieħed quddiem TM għal approvazzjoni. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 12 | 4 | Viċi-Sindku: Knis | Fenech semmiet il-problema li qed tinħoloq dwar il-knis. Saret laqgħa mal-kuntrattur Owen Borg sabiex issir schedule u din għandha titella' fuq il-mezzi soċjali biex ir-residenti jkunu nfurmati. | Viċi-Sindku |
| 01 | 12 | 5 | Sindku: Bins tal-Pjazza | Is-Sindku informat lill-Kunsill li l-bins tal-pjazza ġew installati u qed jinżebgħu l-bankijiet li hemm maġenb iz-zuntier kif ukoll l-arbli tal-lampi. | Sindku |
| 01 | 12 | 6 | Chircop: Artisti Żwieten | Chircop qal li ser jibdew jingħataw spazju fir-reception tal-Kunsill sabiex jesebixxu l-arti tagħhom u tinbidel kull ħmistax. | Chircop |
| 01 | 12 | 7 | Chircop: Fanali | Chircop ssuġġerixxa li jitwaħħlu fanali fil-parti d-dejqa ta' Triq Luqa Briffa u l-parti l-antika ta' Triq Santa Katarina. | Caruana |
| 01 | 12 | 8 | Chircop: Ġnien iċ-Ċrieki | Qal li qed isir vandaliżżmu. Dawn ser jissewwew u nikkunsidraw li jitwaħħlu kameras għas sorveljanza tal-ġnien. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 12 | 9 | Chircop: Attivitajiet tal-Ġimgħa l-Kbira | Chircop ippropona li jsir banner fid-daħla taż-Żejtun sabiex nippromovu l-attivitajiet li jittellaw fiż-Żejtun. | Chircop |
| 01 | 12 | 10 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Propona li jingħataw tifkira lill-Sportiv, Anzjan Attiv, Fjamma Żagħżugħa u Kulturali. Ser tiġi diskussa iktar din l-idea. | Chircop |
| 01 | 12 | 11 | Caruana: U-bars fuq il-bankina | Caruana qal li daħallu suġġeriment sabiex isiru ħadid quddiem l-entratura tal-grawnd minħabba sigurta' tat-tfal. Ser nitkellmu maz-Żejtun Corinthians dwar dan. | Caruana |
| 01 | 12 | 12 | Agius: Karozza fi Ġnien San Girgor | Agius qalet li kien hemm persuna li bdiet issuq perikoluż fil-ġnien fejn sar rapport l-għassa u għandna naraw fiex wasslu l-pulizija. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 12 | 13 | Agius: Għaqal id-Dar | Agius qalet li waqt is-serata li saret ġew ippreżentati ċ-ċertifikat 16 -il parteċipant. | Agius |
| 01 | 12 | 14 | Agius: Ftuħ uffiċjali ta' Teatru Malta | Agius qalet li ser isir l-ftuħ uffiċjali ta' Teatru Malta il-Pandora fis-16 ta' Jannar fis-7:30pm. Il-Kunsill irċieva invit. | Agius |
| 01 | 12 | 15 | Agius: Garaxx | Agius staqsiet jekk il-Kunsill għandux garaxx fejn jistgħu jinżammu xi għamara sabiex jekk jinqala bżonn ta' familji inkunu nistgħu ngħinu. Dan mhux possibli peress li s'issa m'għandniex wisa għal dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 12 | 16 | Agius: Attivita' Betlehem f'Għajnsielem | Agius qalet li l-attivita' saret u kienet suċċess. | Agius |
| 01 | 12 | 17 | Agius: Party tat-tfal | Agius qalet li dan sar u kien suċċess u tfal ħadu gost. | Agius |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 12 | 18 | Agius: Weekend Break | Agius qalet li l-weekend Break ser isir fi Frar. | Agius |
| 01 | 12 | 19 | Viċi-Sindku: Bake Sale | Il-Viċi-Sindku qalet li l-attivita' saret u nġabru €339 bħala donazzjonijiet li ġew mgħoddija lill-MCCF. | Viċi-Sindku |
| 01 | 12 | 20 | Viċi-Sindku: Live in | Il-Viċi-Sindku informat lill-Kunsill li ser isir Live in f'Villa Psaigon bejn il-Ġimgħa, 26 u l-Ħadd, 28 ta' Jannar. | Viċi-Sindku |
| 01 | 12 | 21 | Viċi-Sindku: Ħitan fi Vjal il-25 ta' Novembru | Il-Viċi-Sindku ser tkun qed tiċċekja dwar min ħatt il-ġebel sabiex dan jiġi rranġat. | Viċi-Sindku |
| 01 | 12 | 22 | Viċi-Sindku: Bins tal-ħwejjeġ | Il-Viċi-Sindku informat lill-Kunsill li issa hemm żewġ siti fejn wieħed jiddisponi mill-ħwejjeġ, wieħed is-Suq u l-ieħor f'Gebel San Martin. | Viċi-Sindku |
| 01 | 12 | 23 | Viċi-Sindku: Akkomodazzjoni | Il-Viċi-Sindku qalet li tajjeb li nibdew nagħtu spazju fuq is-sit tal-Kunsill li dawk l-operaturi li jikkru propjeta' sabiex nippromovu ż-Żejtun. | Chircop |
| 01 | 12 | 24 | Viċi-Sindku: Work placement | Il-Viċi-Sindku qalet li kellimha student mill-MCAST li jrid jorganizza tlett events relatati ma' sports u jrid jagħmel xi ġranet il-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' dan. | Viċi-Sindku |
| 01 | 13 | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| Riferenza | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | Inkarigat |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fl-9:45pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta, 13 ta' Frar, fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |